MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 44/K7/2016 |
| Data: | It-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fil-17:30 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius 18:53<br>Sur Alan Abela Wadge 17:52<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius |
| | | Sur Matthew Mangion - Chairman KAS 17:54 |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sjra Karen Camilleri |
| Skużati : | | Matthew Agius<br>Alan Abela Wadge<br>Dr Alex Sciberras<br>Matthew Mangion – Chairman KAS |

# AĠENDA

1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2. MATERJI MILL-MINUTI

3. KORRISPONDENZA

4. ĦLASIJIET

5. TENDERS

6. FINANZI

8. KOMUNIKAZZJONI MINN LAQGĦAT LI SARU

9. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL

10. AFFARIJIET OĦRA

11. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| 1961 | Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi nfurmat lill-membri li l-Aġent Segretarju s-Sur Christopher Cutajar wasal fit-tmiem tat-terminu tiegħu minħabba li ngħata inkarigu ġdid maċ-Ċivil.<br><br>Is-Sindku pproponiet li bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv se tieħu postu s-Sjra Karen Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun. Il-Kunsill qabel unanimament.<br><br>Is-Sindku rringrazzjat lis-Sur Cutajar tas-servizz eċċellenti li ta lill-Kunsill. Is-Sur Charles Selvaggi rringrazzja lis-Sur Cutajar tas-servizz eċċellenti li ta lill-Kunsill Lokali u ppropona li f'dan l-istadju, li issa ħarġet il-lista tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi, jkun tajjeb jekk il-Kunsill jibda jaħseb għal Segretarju Eżekuttiv Full Time. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega kif taħdem il-proċedura tal-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Lino Bartolo staqsa jekk il-kuntatti mas-Sjra Orietta Cardona nqatgħux darba għal dejjem, jew jekk hemmx lok li tiġi appuntata Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju nfurma lill-membri li dwar il-każ tas-Sjra Orietta Cardona hemm korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. | Riżenja Aġent Segretarju u Ħatra Aġent Segretarju Ġdid. |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Approvazzjoni tal-Minuti<br><br>Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Nru 43.<br><br>Saru xi korrezzjonijiet għall-Minuti 43 u l-minuti ġew approvati unanimament. | |
| 3. | Punti Mqajjma mill-Minuti | |
| 1963 | Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li i-talba għaċ-ċaqliq tal-pedestrian crossing ta' ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, l-ġurnata ta' qabel iltaqa' mal-Bord iżda s'issa għadu ma jafx bid-deċiżjoni li ttieħdet. | Caqliq ta' Pedestrian Crossing |
| 1964 | Dwar 1924 -Il-proġett relatat ma' Triq Ċensu Farrugia, l-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li nħarġet it-tender iżda kien hemm żball fil-BOQ u t-tender tat-triq u tal-ġnien kellha terġa' tinħareġ. | Proġett relata ma Triq Censu Farrugia |
| 1965 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx data meta se jibda l-kors tal-First Aid. Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li tkellem mal-istaff tal-Kunsill u nfurmawh li nhar ta'Sibt ma jkunux jistghu jattendu. Tqajjmet diskussjoni dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsillier Charles Selvaggi ssuggerixxa li ghallinqas ikun hemm persuna wahda mill-istaff li tattendi. Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li l-kors isir malli l-istaff jispicca mill-ufficcju, fost il-gimgha. | First Aid Course |
| 1966 | Dwar Punt 1925, il-Kunsillier Maurice Agius staqsa fhiex wasal il-proġett. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurmah li l-Perit qed iħejji l-pjanti sabiex jitressqu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. | Rampi fi Triq it-Tabib Naudi |
| 1967 | Dwar Punt 1929 il-Kunsillier Maurice Agius staqsa x'sar. Is-Sindku nfurmat li se jiehdu hsieb il-haddiema tal-Kunsill izda ghar-residenti ma nbidel xejn. | Ġbir ta' Ħwejjeġ Użati |
| 1968 | Dwar Punt 1934 Is-Sindku nfurmat li mistenni jsir ix-xoghol mal-Contract Manager u l-Kunsillier Emanuel Brincat. | Il-każ ta' parkeġġ fi Triq Gemma Portelli |
| 1969 | Dwar Punt 1935, il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx xi formola. Is-Sindku kkonfermat li hemm applikazzjoni simplici hafna biex timtela. | Road Hump fi Triq Ġuże' Ellul Mercer |

| | | |
|---|---|---|
| 1970 | Dwar Punt 1937, il-Kunsillier Maurice Agius staqsa ghall-kopja tal-korrispondenza dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku nfurmat li l-impjegati se jibghatulu l-korrispondenza kollha l-ghada filghodu. | Emendi fil-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali |
| 1971 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar punt 1940. Is-Sindku qaltlu li din il-kwistjoni se tigi diskussa waqt il-laqgha. | Tender Parks & Gardens |
| 1972 | Dwar Punt 1946 – Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill fetaħ korrispondenza mal-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill talab lill-Kumpanija Arcidiacono sabiex jibgħatu l-proposta tagħhom rigward il-Lighting Scheme. | Lighting Scheme quddiem Arcidiacono |
| 1973 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa x'sar dwar il-parkeġġ, għaliexx issa bil-proġett tal-Kappara se jkun hemm problemi kbar għar-residenti. Il-Kunsillier Emanuel Brincat qal li huwa mportanti li ssir pressjoni ma Transport Malta u l-Pulizija. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kappillan hux lest jiftaħ il-parkeġġ għar-residenti. Maurice ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm każi fejn ir-residenti jirriservaw il-parkeġġi b'muturi. | Il-kwestjoni tal-AVIS f'Misraħ il-5 ta' Ottubru |
| 1974 | Dwar Punt 1947, is-Sindku nfurmat lill-membri li l-attivita' li nżammet fit-12 ta' Mejju kienet suċċess. Fil-fatt għal din l-attivita' attendew għaliha s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Stefan Buontempo u l-President tal-tal-Fibromyalgia Malta, s-Sinjura Ruth Debono. | Sehem il-Kunsill fil- tal-Fibromyalgia Day |
| 1975 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa meta tinżamm din l-attivita', għaliex huwa mportanti li l-Kunsill ikun infurmat sabiex jattendi għaliha. | Attivita' bil-kollaborazzjoni tal- Għaqda Melita Banda San Ġużepp |
| 1976 | Punt 1953 – Il-Kunsillier Charles Selvaggi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill is-sitwazzjoni tal-impjegata Gemma Cassar u osserva l-fatt li s-Sjra Marisa Xerri Demanuele tista' tiġi lura issa li kien hemm *reshuffle*. | Impjegati |
| 1977 | Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li l-parking bay in kwistjoni tneħħiet. | Parkeġġ fi Triq l-Iskola ma' Triq Victor DeNaro |
| 1978 | Punt 1956 – Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk twaħħlux il-Pelican Lights. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li bħalissa hemm konsulenza għaddejja ma' Transport Malta. | Pelican Lights fi Triq il-Wied |

| | | |
|---|---|---|
| 1979 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab korrezzjoni għal din il-minuta. Il-korrezzjoni għaddiet. | Korrezzjoni tal-Minuta |
| 3 | Korrispondenza | |
| 1980 | 0918/16 – Is-Sindku nfurmat lill-membri li dawn talbu wkoll li jinghataw l-Ilma. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill diġa qed iħallas ħafna kontijiet, għaldaqstant għandu jinħareġ il-permess iżda l-ilma għandu jiġi pprovut mill-għaqda nvoluta. Il-Kunsillier Maurice Agius qabel li ġaladarba din mhux għaqda mil-lokal, il-Kunsill m'għandux jidħol f'aktar spejjeż. Il-Kunsillier Charles Selvaggi qabel li l-Għaqda tiprovdi kollox hi. | Applikazzjoni ghall-organizzar ta' Car Wash |
| 1981 | 876/16 – Is-Sindku nfurmat li l-preżentazzjoni tat-trofej ma' tistax issir fl-iskola, għaldaqstant se tinżamm quddiem il-Klabb tal-Boċċi f'Misraħ 5 t'Ottubru. | Preżentazzjoni ta' Trofej |
| 1982 | 895/16 - Is-Sindku nfurmat lill-membri li reġgħet tressqet it-talba sabiex tiġi organizzata Tombla fix-xhur tas-Sajf mill-Boċċi Club. Saret diskussjoni dwar il-ħruġ ta' dan il-permess u l-Kunsill qabel li jkollu site plan tal-area li se tintuża u dati u ħinijiet ta' meta se tiġi organizzata t-Tombla. Barra minhekk huwa mportanti li l-imwejjed u s-siġġijiet jiġu storjati f'kamra li għandha tintrama apposta. Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni tal-membru u qalilhom li huwa mportanti li tinġabar il-Garanzija, għall-ħsarat, tindif eċċ eċċ. Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li waħda mill-Kundizzjonijiet tkun li jekk jinqabeż il-ħin tal-11.00p.m., il-Garanzija tinżamm mill-Kunsill u l-permess jitwaqqaf. Il-Kunsillier Romina Galea saħqet li huwa mportanti li din il-kundizzjoni tiġi mplimentata għal kulħadd u għall-attivitajiet kollha. Il-Kunsillier Emanuel Brincat issuġġerixxa li jittieħed id-Deposit ta' € 230 u tiddaħħal Kundizzjoni li t-tinda/kamra tiżżarma fi żmien ħamest ijiem minn tmiem l-attivita'. Jekk dan ma jseħħx jintilef id-deposit. Din il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Maurice Agius. | Talba għall-Permess sabiex tiġi organizzata Tombla fix-xhur tas-Sajf mill-Boċċi Club. |
| 1983 | 0931– Il-Kunsill qabel li din it-talba titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta | Talba għal Bike Stand |
| 1984 | 936 - Is-Sindku spjegat li l-Kuntrattur talab ħlas ta' € 540. Is-Sindku nfurmat li hi ressqet talba quddiem il-Cleansing Department sabiex it-tindif isir | Tindif fi Triq il-Kunzar |

| | | |
|---|---|---|
| | minnu. Fil-fatt sar it-tindif meħtieġ mid-Direttorat u sadanittant reġa' ntrema l-iskart. Reġa' sar it-tindif u reġa' ntrema l-ħmieġ. Ir-resident, fetaħ attakk kontra s-Sindku u jidher ma jridx jifhem. Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa kemm kien ilu mormi dan l-iskart. Is-Sindku spjegat li t-tindif sar u fi żmien jumejn reġa' mtela'. Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk jistgħu jiġu nstallati CCTV Cameras. Barra minhekk is-Sur Selvaggi staqsa dwar ir-ritratti tar-rimi li għadda via Facebook, ħalli fil-każ jitqabbdu l-Eco Wardens u ssir sorveljanza. | |
| 1985 | Is-Sindku nfurmat li kien hemm bidla fid-Direttur responsabbli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku nfurmat li t-terminu tas-Sur Carmel Abela wasal fi tmiemu u postu ħadu s-Sur Adrian Mifsud. | Bidla fid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali |
| 1986 | Is-Sindku nfurmat li nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Mejju se tinżamm laqgħa minn Transport Malta dwar l-Immaniġġjar tat-traffiku waqt il-Festi tal-lokalitajiet. | Laqgha minn TM |
| 1987 | Il-Kunsillier Maurice Agius nnota li qed ikun hemm l-ammont sostanzjali ta' talbiet għal Reserved Parkings. Is-Sindku spjegat li hemm l-Awtorita' tieħu ħsieb, iżda l-Kunsill ma jistax jiddeċiedi jekk tinħariġx jew le. Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar ir-Reserved Parking f'Rue d'Argens. | Reserved Parkings |
| 1989 | 925/16 – Is-Sindku nfurmat li l-proposta mressqa lis-Sur Jonathan Debono ma' ġietx milqugħa.<br><br>Il-laqgħa ġiet sospiża fi 18:55 u tkompliet f'19:05 | Proposta Jonathan Debono |
| **4.** | **Skeda ta' Ħlasijiet** | |
| 1990 | Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet (Annessa bħala 'DOK A') tiġi approvata. Il-Kunsilliera Emanuel Brincat u Sur Maurice Agius proponewha u ssekondawha rispettivament. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament. | |
| 5. | **Tenders** | |
| 1991 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill talab spjegazzjoni ta' kif il-bidders waslu għall-prezz relatat mat-tender Parks & Gardens u l-unika risposta li waslet fl-uffiċċji tal-Kunsill kienet mingħand Messrs Saviour Mifsud (kopja annessa) Il-Kunsillier Lino Bartolo ġibed l-attenzjoni li € 1200 huma ftit għall-Imsida. Barra minhekk it-tender | Tenders – Parks & Gardens |

| | | |
|---|---|---|
| | ma' tistax tkun koperta minn żewġ ħaddiema part time meta fil-preżent il-Kunsill għandu s-servizz ta' żewġ ħaddiema full time u bilkemm ilaħħqu. Barra minhekk mhux l-ewwel darba li l-Kunsill jiġi bżonn is-servizz ta' back up team. Il-Kunsillier Lino Bartolo elenka l-ammont ta' xtieli li jkun hemm bżonn f'kull zona tal-lokalita'. Barra minhekk il-Kunsillier Emanuel Brincat spjega li l-ġardienara jidħlu għax-xogħol mas-6.00a.m. sabiex jagħmlu xogħol ta' tindif u tbattil tal-bins. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsillier Emanuel Brincat ippropona li l-Kunsill japprova l-offerta ta' Environmental Landscapes Consortium. Il-Kunsillier Charles Selvaggi rrefera għall-Public Procurement Regulations u staqsa jekk il-Kunsill hux marbut li jagħżel l-orħos offerta. Il-Kunsillier Lino Bartolo spjega li l-offerta tas-Sur Saviour Mifsud ma tkoprix il-ħtiġijiet tal-lokalita'.<br><br>Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill approva li t-Tender for the Upkeep of Parks & Gardens tingħata lil Environmental Landscapes Consortium. | |
| 6<br><br>1992 | **Finanzi**<br><br>Is-Sindku ppreżentat fuq il-Mejda l-Adjustments tal-Financial Statements għas-Sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015.<br><br>Il-Kunsill approva l-Adjustments proposti mill-Awdituri unanimament. | Financial Adjustments |
| 7<br><br>1993<br><br>1994 | **Komunikazzjoni minn Laqgħat li saru**<br><br>Is-Sindku nfurmat lill-membri li kellha laqgħa mal-Kummissarju għall-Burokrazija fejn ħa nota tal-proposti mressqa mill-Kunsill.<br><br>Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mad-Direttur tad-Direttorat għat-Tindif dwar it-tindif tax-Xatt tal-Imsida. Jidher li d-Direttorat approva li jsir Tindif darbtejn fil-ġimgħa. Dan it-tindif jinkludi knis u ħasil tax-Xatt. Il-Kunsill qed jistenna d-dati meta se jinbeda jingħata dan is-servizz. | Laqgħa mal-Kummissarju għall-Burokrazija<br><br>Laqgħa mad-Direttorat għat-Tindif |
| 1995 | Is-Sindku nfurmat lill-membri li kellha laqgħa mal-Amministrazzjoni ta' St. Martin's College rigward l-użu tal-entrance għall-vetturi privati min-naħa tal-Football Club. Barraminhekk saret talba ta' Sponsorship għall-ismijiet ta' Toroq. Fil-preżent il-Kunsill qed jiġbor l-istimi għal dan ix-xogħol kif ukoll il-lista' ta' ismijiet ta' toroq li jeħtieġ jinbidlu. | Laqgħa ma' St. Martin's College |
| 1996 | Is-Sindku nfurmat lill-membri li kellha laqgħa mal-Kumpanija P5+ dwar Proġett iffinanzjat mill-EU dwar korsijiet tal-EF fejn qed jitolbu l-użu ta' kamra fil-binja tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat dan il-kors. Il-Kumpanija | Laqgħa mal-Kumpanija P5+ |

| | | |
|---|---|---|
| 1997 | qed toffri ħlas ta' € 30 għal kull session bħala kirja tal-kamra.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa kemm se jdaħħlu fondi minn dan il-proġett u tinħadem is-somma tal-ispejjeż ta' kemm jaħlu f'dawl eċċ. Saret proposta li l-kera tkun b'rata għal sena u kull sena togħla. Il-Kunsill qabel li jingħataw 90 jum Notice u l-kuntratt jiġġedded kull sena. | |
| **8.**<br><br>1998 | **Affarijiet Oħra**<br>Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li s-Sotto Kumitat Anzjani ltaqa' u nħareġ il-kalendarju tal-attivitajiet. Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma li saret l-ewwel attivita' fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u dawk preżenti ħadu gost ħafna. Issa jmiss li tinżamm Ħarġa għal Għawdex. | Attivitajiet mis-Sotto Kumitat Anzjani |
| 1999 | Is-Sindku ppreżentat talba mill-Għaqda tan-Nar fejn qed jitolbu s-servizz ta' Fire Engine waqt il-weekend tal-Festa San Ġużepp. Il-Kunsill unanimament approva din l-ispiża. | Servizz ta' Fire Engine waqt il-Festa San Gużepp |
| 2000<br><br><br><br><br>2001<br><br><br><br><br>2002<br><br><br>2003<br><br><br><br><br><br>2004 | Is-Sindku nfurmat li l-Kumitat tal-Għaqda Armar ressaq talba sabiex l-arblu li jintrama fil-festa, jitressaq. Hi ltaqgħet magħhom u ddiskutiet din il-proposta. Għal xi raġuni dawn ħasbu li nħarġet l-approvazzjoni u qabdu u mexxew il-konka tal-arblu.<br><br>Il-Kunsillier Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu li qed jiġu kkawżati bix-xfur tal-konka. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat korrispondenza lill-Kumitat sabiex jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa u jsir dawl adegwat għal matul il-lejl.<br><br>Is-Sindku nfurmat ukoll li l-Kumitat talab li jgħaddu d-dawl a spejjeż tagħhom sabiex ikun hemm kurrent ta' elettriku fl-arblu. Il-Kunsill approva din it-talba.<br><br>Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kumitat tal-Armar ressaq talba sabiex ħdejn l-HSBC jagħmlu struttura mal-art sabiex ikun possibli li jorbtu l-bandalori. Dan għaliex qabel kien jorbtu l-bandalora ma' siġra iżda din inqalgħet. Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol.<br><br>Talba għal Service Machine fuq l-iskall. Il-Kunsill Lokali ddiskuta din it-talba u qabel li ġaladarba din is-service machine mhux se tiswa spejjeż lill-Kunsill, tinħareġ in-No Objection mitluba. | Talba ghat-tmexxija ta' Arblu tal-Festa<br><br><br>Tneħħija ta' Periklu eżistenti<br><br><br><br>Installar ta' dawl ma' arblu<br><br><br>Talba għall-installar ta' Ganċ mal-art sabiex tintrabat Bandalora<br><br><br>Service Machine fuq l-Iskall |

| | | |
|---|---|---|
| 2005 | Il-Kunsillier Maurice Agius issuġġerixxa li l-Kunsill ikollu aċċess mingħajr ħlas għal dan is-servizz. Is-Sindku spjegat li dawn it-tip ta' magni tiħaddmu b'sistema ta' cards. Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jara li ma jittieħdx id-dawl mill-arblu tat-triq. Is-Sindku nfurmat li n-No Objection mitluba hija fil-fatt għall-ARMS Ltd. | Użu tas-Service Machine |
| 2006 | Is-Sindku nfurmat li Transport Malta tat l-Approvazzjoni għal Lighting/Boarding quddiem il-Marina Home. Saret diskussjoni dwar din it-talba u l-Kunsill approva li ssir Lighting/Boarding Bay waħda. Barra minhekk ġiet diskussa r-rampa quddiem l-entratura tal-istess residenza. Il-Kunsill qabel li rappreżentant jiltaqa' mal-Perit dwar din ir-rampa. | Marina Palace Home |
| 2007 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa kif baqa' l-Kunsill mal-iSpettur dwar id-diffikultajiet li ddiskutew fl-aħħar laqgħa, fosthom ta' l-anzjana ta' Rue d'Argens Nru 45. Il-Kunsillier Romina Galea infurmat li sfortunatament nibtet residenta oħra fi Triq il-Kunċizzjoni li qed toħroġ titma l-ħamiem. Il-Kunsillier Romina Galea nfurmat lill-membri li ħadet l-inizzjattiva u marret tkellem lil din ir-residenta u qaltilha sabiex ma tibqax titma l-ħamiem. | Laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija |
| 2008 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar it-tindif tal-Għajn tal-Ħasselin. Is-Sindku nfurmat li dan ix-xogħol se jkun qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Tindif Għajn tal-Ħasselin |
| 2009 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar it-tindif tal-Ġibjun. Is-Sindku nfurmat li t-tindif sar. | Tindif tal-Ġibjun |
| 2010 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar il-problema tad-drenaġġ u s-Sindku spjegat li l-għeruq tas-siġar daħlu fil-katusi tad-drenaġġ u għalhekk li qed ikun hemm dan l-iżbroff. | Żbroff ta' Drenaġġ |
| 2011 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa kienx hemm żvilupp dwar il-puġġaman fis-Subway ta' ħdejn Pizza By Luca | Puġġaman fis-subway |
| 2012 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li fi Triq Gerry Zammit hemm tabella sabiex ma jgħaddu Heavy Vehicles. Is-Sindku nfurmat li min hemm jgħaddi t-Transport Pubbliku. | No Heavy Vehicles Signs |

| | | |
|---|---|---|
| 2013 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nnota li bosta ħwienet qed joħorġu l-imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina iżda kien hemm stabbiliment partikolari li għamel biċċa blokka tal-konkos. Il-Kunsillier Selvaggi talab sabiex il-Kunsill jiċċekja jekk din il-blokka saritx bil-permessi meħtieġa. | Blokka tal-Konkos quddiem il-football club |
| 2014 | Il-Kunsillier Emanuel Brincat ssuġġerixxa li jsir Traffic Management adegwat fl-area tas-Swatar. | Traffic Managment fl-area tas-Swatar |
| 2015 | Il-Kunsillier Romina Galea nfurmat li qed ikun hemm bosta problemi kull meta tingħalaq Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier Maurice Agius issuġġerixxa li jitqabbdu żewġ gwardjani lokali. | Triq il-Kunċizzjoni |
| 2016 | Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li hemm dealer li qed jaħsel il-vetturi tiegħu u l-ilma qed jinġema f'nofs ta' triq u ħadd ma jkun jista' jgħaddi. | Ħasil ta' karozzi minn Dealer |
| 2017 | Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li l-impjegati mill-MFSA qed joħorġu l-iskart f'ħinijiet mhux adegwati. Il-Kunsillier Maurice Agius ikkonferma li din il-problema hija waħda rikorrenti. | Skart maħruġ mill-MFSA |
| 2018 | Il-Kunsillier Lino Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-ħsarat ikkawżati minn RMS Ltd fil-pjazzetta ta' Towergate Street baqgħet qatt ma saret il-manutenzjoni tagħhom. | Ħsarat minn RMS Ltd |
| 2019 | **Aġġornament**<br><br>Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016, fil-17:30<br><br>Il-laqgħa ntemmet fit-20:15 | |

Minuti approvati llum ______________________________________

FFIRMATA
Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

FFIRMATA
Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv